## 25 ta' April, 1988

**Imħallfin: –**

***S.T.O.* Hugh *W.* Harding *B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.***
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Parnis *et*

*versus*

Giusa Portelli *pro et noe*

## Sentenza ta' Diviżjoni – Kuntratt – Mandati

*F'kawża preċedenti l-Qorti llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti u l-leġittima, stabbiliet il-mod kif kellha ssir il-likwidazzjoni u ordnat l-azzenjazzjonijiet relattivi. Fl-aħħarnett l-istess Qorti nnominat Nutar.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi pprezentata fil-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress li fuq talba ta' l-attriċi *proprio et nomine* nħarġu kontra l-atturi żewġ mandati wieħed ta' qbid numru 853/85 u l-ieħor ta' sekwestru numru 854/85 in esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Lulju, 1983 fil-kawża fl-ismijiet: "Giusa Portelli *proprio et nomine vs* Joseph Parnis *nomine et*" għall-ħlas tas-somma komplessiva ta' elfejn seba' mija tmienja u erbgħin lira maltija, tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm2748.88,0) (Dok. "A" u "B");

Peress li minn imkien ma jirriżulta mill-istess sentenza li l-atturi għandhom iħallsu lill-konvenuta *nomine* s-somma indikata fl-istess mandati;

Peress li d-diviżjoni ordnata bl-imsemmija sentenza baqgħet ma saret qatt stante li l-att relattiv ordnat mill-Qorti baqa' ma ġiex ippubblikat;

Peress għalhekk li l-istess mandati huma difettużi u għandhom jiġu rrevokati bl-esekuzzjoni tagħhom;

Prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun talbu li (1) dik il-Qorti tordna r-revoka ta' l-istess żewġ mandati bl-esekuzzjoni tagħhom;

Salva kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi senjatament dik għad-danni kontra l-konvenuta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

L-atturi jagħmlu ampja riferenza għall-kawża fuq riferita;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Giusa Portelli *proprio et nomine* fejn eċċepiet bir-rispett:

(1) Illi s-sentenza fl-ismijiet 'Giusa Portelli *proprio et nomine vs* Joseph Parnis *nomine et'* li in forza tagħha saru l-mandati esekuttivi ilha li ġiet deċiża mit-13 ta' Lulju, 1983 u għaddiet in ġudikat billi ma ġietx appellata;

(2) illi l-atturi aċċettaw dik id-deċiżjoni u meta l-fond 'Marisa', Liedna Street, Fgura, kien qiegħed jiġi liċitat l-atturi għamlu offerti biex jixtruh iżda l-fond ġiet mixtri minn Dolores Falzon li kkompensat il-prezz ma' parti mis-somma lilha dovuta mill-ko-akkwisti ġà eżistenti bejnha u bejn id-*decuius;*

(3) Illi inoltre l-atturi taw il-kunsens tagħhom għall-bejgħ tal-karozza Cortina bil-prezz ta' Lm800 li ġew ikkonsenjati lill-eċċipjenti Giusa Portelli akkonta tal-leġittima lilha spettanti. Mill-premess jidher li ma kienx hemm bżonn ta' kuntratt biex titkompla ssir id-diviżjoni għaliex l-uniku mmobbli kien ġie mibjugħ b'ordni tal-Qorti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fid-19 ta' Settembru, 1986, fl-ismijiet premessi li biha kienet iddeċidiet il-kawża billi għar-raġunijiet esposti fl-istess sentenza ċaħdet it-talbiet attriċi kif dedotti għas-spejjeż tagħhom;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell;

*Omissis;*

Rat ir-risposta ta' l-appellata *pro et noe;*

Rat l-atti kollha tal-kawża rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni kollha li qiegħda quddiem din il-Qorti tirrigwarda l-validità ta' żewġ mandati esekuttivi maħruġin in forza tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 1983 li kopja tagħha tinsab esibita fil-proċess a fol. 26. Dawn iż-żewġ mandati kienu ġew maħruġa fuq talba ta' Giusa Portelli f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' ommha Dolores Falzon (imsiefra) li kienu l-atturi fil-kawża deċiża fit-13 ta' Lulju, 1983. L-atturi f'din il-kawża kienu konvenuti fil-kawża preċitata;

Illi l-atturi appellanti jissottomettu li s-sentenza tat-13 ta' Lulju, 1983 ma setgħetx tiġi esegwita billi l-kuntratt tad-diviżjoni ordnat bl-istess sentenza ma kienx għadu ġie ppubblikat u kwindi l-imputazzjoni u diviżjonijiet ordnati mill-Qorti ma kinux għadhom ġew attwati. L-appellanti wkoll jissottomettu li l-ammont mitlub fl-istess żewġ mandati minn immkien fis-sentenza ppreċitata ma kien jirriżulta li hu dovut minnhom;

Illi l-kawża li għaliha qiegħda ssir riferenza kienet saret mill-konvenuti biex tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn Dolores Falzon u l-mejjet żewġha; biex, wara din tiġi diviża

f'żewġ porzjonijiet, u waħda minnhom tiġi assenjata lilha u l-oħra lill-assi ereditarju tad-*decuius* Giuseppi Falzon; biex tiġi ffissata *l-leġittima* dovuta *lil* Giusa *Portelli* u dik dovuta lill-konvenuti (f'dik il-kawża); biex il-leġittima ffissata lil Giusa Portelli tiġi lilha assenjata u fl-aħħarnett biex jiġi nnominat Nutar *biex jirċievi l-att tal-qasma*, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

Illi l-Qorti li ddeċidiet il-kawża fuq *imsemmija effettivament* kienet laqgħet it-talbiet ta' l-attriċi *pro et nomine*. Il-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn Dolores Falzon u l-mejjet żewġha ġiet likwidata billi ġie ddikjarat li din kienet tikkonsisti fil-beni kollha elenkati fl-ewwel paragrafu a fol. 51 (ta' dak il-proċess) tar-relazzjoni peritali kif soġġetta għall-passiv elenkati fl-istess relazzjoni (fol. 51). L-istess Qorti ddisponiet *dwar it-tieni* domanda billi ordnat bil-bejgħ in liċitazzjoni ta' l-unika proprjetà immobbiljari li kien hemm flimkien ma' l-għamara biex ir-rikavat, wara *li jiżdied ma' l-attiv l-ieħor li kien hemm* u jitnaqqas il-passiv, jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet u waħda tiġi assenjata lil Dolores Falzon u l-oħra lill-assi ereditarju tal-mejjet Giuseppi Falzon. L-istess Qorti mbagħad iddisponiet mit-tielet u r-raba' talba ta' l-attriċi Giusa Portelli *pro et noe* billi llikwidat l-leġittima dovuta lilha u ordnat li din tiġi assenjata lilha mill-assi ereditarju tal-mejjet Giuseppi Falzon. Fl-aħħarnett l-istess Qorti nnominat Nutar biex jippubblika l-att relattiv;

Illi għalhekk jirriżulta li kull ma għamlet il-Qorti fil-kawża ppreċitata kien li tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u l-leġittima fuq imsemmija, tistabilixxi l-mod kif kellha ssir il-likwidazzjoni u tordna l-assenzjazzjonijiet relattivi. Fl-aħħarnett l-istess Qorti *nnominat lin-Nutar Anthony Gatt* biex *jippubblika* l-kuntratt tad-diviżjoni li permezz tiegħu kellhom isiru dawn l-

assenjazzjonijiet. Dan il-kuntratt jirriżulta li baqa' ma sarx. Kieku sar il-kuntratt ta' qasma bejn il-partijiet kif ordnat mill-Qorti dan seta' jagħti lill-istess partijiet titolu għall-esekuzzjoni però dan baqa' ma sarx;

Illi għalhekk jidher li l-unika esekuzzjoni li setgħet tingħata lil din is-sentenza mill-atturi kienet biex dawn jersqu għall-kuntratt ta' diviżjoni *ai termini* ta' l-imsemmija sentenza tat-13 ta' Lulju, 1983. In fatti ma jirriżulta minn imkien li l-atturi f'din il-kawża, li kienu l-konvenuti wkoll fl-oħra, kienu ġew ikkundannati bl-imsemmija sentenza jħallsu lill-konvenuti Giusa Portelli u Dolores Falzon dak li qegħdin jippretendu li għandhom jieħdu bil-mandati msemmija fiċ-Ċitazzjoni. B'hekk ġie li l-istess mandati kienu ħarġu invalidament;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-imsemmija Joseph Parnis u Maria Aloisia u Victor miżżewġin Hili, tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tad-19 ta' Settembru, 1986, tilqa' t-talba attriċi u prevja d-dikjarazzjoni li l-mandati esekuttivi msemmija fiċ-ċitazzjoni wieħed ta Qbid Nru. 853/85 u l-ieħor ta' Sekwestru numru 854/85 kienu nħarġu invalidament, tirrevoka l-istess żewġ mandati bl-esekuzzjoni tagħhom;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta *pro et nomine* appellata.